MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2014

Numru. 622/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Charlie Gauci, iben Carmelo u Emanuela nee’ Sciberras, imwieled Tal Pieta’ nhar id-19 ta’ Mejju, 1980, residenti fil-fond numru 186, Flat 9, Triq ir-Repubblika, Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ numru 262280M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Charlie Gauci** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta' Gunju, 2010 u matul l-erba' snin ta' qabel din id-data:

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Pricipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni

ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali.

Semghet ix-xhieda migjuba li taghhom ser issir sintesi hawn isfel.

Ghalhekk xehdu l-pulizija nvoluti fit-tfittxija li wasslet ghall-arrest tal-imputat.

Xehed **<u>PC 213 Nicolai Borg</u>**, qal illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Pierre Grech esegwew mandat fuq Charlie Gauci. Qal illi waqqfuh il-Belt u minn hemm nizlu Wied il-Ghajn fejn ghamlu tfittxija fil-flat u fil-garaxx. Qal illi l-garaxx fethuh

bic-cwievet tieghu stess, u f'kaxxa tal-kartun kien hemm flixkun tar-ross illi go fih kien hemm zewg boroz bi trab suspettat kokaina. Sab ukoll boroz b'xi tracci go fihom u mizien elettroniku. Sabu wkoll pakkett glucose u bott tal-creatine. Gew elevati.

Qal illi meta lill-imputat qalulu li kienu ser jaghmlu tfittxija fil-garaxx dan beda jippanikja.

**PS 1220 Oscar Baldacchino** dwar l-istess tfittxija xehed illi flimkien ma' PC 213 u PC 1319 kienu qed josservaw lill-imputat, waqqfuh  il-Belt. Minn hemm marru bih Wied il-Ghajn u saritlu tfittxija fil-garaxx. Qal ukoll illi fil-garaxx kien hemm kaxxa tal-kartun li fiha kien hemm borza bi trab abjad, *creatine*, u mizien elettroniku. Sab ukoll boroz imqattghin u sikkina. Qal illi s-sustanza misjuba kienet suspettata li kienet kokaina.

L-**Ufficjal Prosekutur Pierre Grech** qal illi fuq struzzjonijiet tieghu saret tfittxija ghand Charlie Gauci fejn giet rapuratata lilu s-sejba hawn fuq riprodotta.

Hadlu stqarrija ezebita bhala Dok CG (folio 35), dan wara li tah id-debita twissija. Xehed illi Gauci ghazel illi ma jihux parir legali qabel l-istqarrija.

Ezebixxa wkoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali bhala Dok CG1.

Prezenta wkoll il-mobile Nokia bis-SIM card li skondtu kien fil-pussess ta' Charlie Gauci bhala Dok CG2; kif ukoll is-somma ta' elf tliet mija u ghaxar Ewro (€1,1310) li wkoll kienu fil-pussess ta' Charlie Gauci. Zied illi skont l-imputat il-

verzjoni tieghu ghal dawn il-flus kienet li filghodu kien imur mal-mara biex jaraw xi pushchairs u apparat iehor tat-trabi, ghalhekk kienu fuqu. Qal illi pero dan gie arrestat bil-lejl pero l-flus kienu xorta fuqu.

Aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri l-istess Spettu xehed anke in kontro ezami. Qal illi l-mandat fuq l-imputat gie bejn wiehed u iehor esegwit circa l-ghaxar u nofs ta' filghaxija (10.00pm), bejn wiehed u iehor.

Qal illi kien zgur illi kellem lill-imputat l-ghada, darba d-Depot. Ma kinx cert kinx kellmu wkoll dik il-gurnata tal-arresst.

Qal illi ghalkemm l-istqarrija kienet turi l-hin tat-tlieta u hamsa u tletin minuta ta' wara nofsinhar (3.35pm), pero qal illi kien kellmu qabel ma bdiet tittiehed bit-typing.

Qal illi fil-generalita' l-istqarrija ttiehdet lejn in-nofs ghall-ahhar tal-investigazzjoni. Qal illi qabel ma tkun giet ittajpjata l-istqarrija zgur illi lil Charlie Gauci kien kellmu tal-inqas darba. Zied u qabel illi kien probabbli li dan rega' nizel isfel fic-cella.

Dwar is-sikkina li tidher fir-ritratti qal illi din kienet tintuza (jew bhalha) biex tinqata' u tigi preparata d-droga.

Dwar is-sittax(16)-il borza, sachets, misjuba, qratas li kellhom tracci ta' kokaina fuqhom, skont dak li kkonkluda l-Ispizjar, qal illi ma staqsix fuqhom. Qal illi seta' kien probabbli li ma staqsihx fuqhom ghax Gauci qallu li ma kinx jabbuza mid-droga. Dan dejjem fuq mistoqsija tal-Avukat Difensur. Ftakar illi l-imputat kien liebes gakketta cara bajda fi zmien li dan dam arrestat.

Qal illi Gauci kien ecitat, pero kienu qed jikkomunikaw mieghu b’mod normali. Kien jidher imdejjaq ghalih. Beda jibki u jnewwah. Qal ukoll illi jista’ jkun li l-imputat beda jitlob biex jaghmel kuntatt ma’ missieru u martu, li kellha seba’ (7) xhur tqala. Ma eskludix lanqas li familtu kienu qed icemplu ta’ spiss. Qal pero li Gauci kien ikkoncernat fuq familtu. Qal u rega’ qisu l-Ispettur qabel mad-Difiza li ghax Gauci kien qed jibki ma kinx jaqa’ fin-normal ta’ kif arrestat kellu jgib ruhu, ghalkemm qal u zied illi mhux l-unika wiehed li ghamel dan. Qal illi Gauci kien mal-group li jaghmlu panic. Rega’ qal ukoll, anke hawn bil-probabbli, bhal ma wiegeb ghal kull domanda ohra tad-Difiza, illi seta’ wkoll beka meta qallu li kien ser iressqu l-Qorti.

Xehdu wkoll l-esperti mahtura.

minn naha tieghu ezebixxa d-dokument Dok MB (folio 119), dan in ezami ta’ cellular Nokia u s-SIM card ezebita. Estratta wkoll il-kontenut ta’ messaggi hemm misjuba.

L-**<u>Ispizjar Mario Mifsud</u>** fir-relazzjoni tieghu Dok MM, ikkonkluda hekk:

a. “*Illi ma nstabux sustanzi llegali fit-trab abjad li kien hemm f’pakkett tal-kartun ta’ lewn abjad, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01d u t-trab abjad illi kien hemm f’bott tal-plastic ta’ lewn griz, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01e;*

b. *Illi t-trab abjad illi kien hemm f'pakkett tal-kartun ta' lewn abjad, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01d, instab illi kien glucose. Il-glucose mhux ikkontrollat bil-Ligi;*

c. *Illi t-trab abjad illi kien hemm f'bott tal-plastic ta' lewn griz, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01e, instab li kien creatine. Il-creatine mhux ikkontrollat bil-Ligi;*

d. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq il-bicciet tal-plastic u l-mizien elettroniku li kien jahdem, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01a, fuq il-pouch ta' lewn iswed, bil-kodici tal-laboatorju 366/10/01b, u s-sikkina u l-bicciet tal-plastic, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01e;*"

e. *Illi fiz-zewg blokki ta' sustanza bajda, bil-kodici tal-laboratorju 366/10/01a u li l-piz nett taghhom kien ta' 168 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-purita' medja tas-sustanza bajda ghas-sustanza Kokajina kienet ta' circa 46.2%. Is-sustanza Kokajina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

**PS 612 Theo Vella** prezenta r-relazzjoni tieghu, mahtur bhala Scene of the Crime Officer, photographer – relazzjoni li tiddokumenta dak misjub u r-ritratti tal-istess.

Minn naha taghha **Dr Alexandra Mizzi**, imqabbda biex tirredigi l-compodium tal-assi tal-imputat, ezebiet l-istess relazzjoni bhala Dok AM.

Fil-mori tal-proceduri gie mitlub u ghalhekk redatt Social Inquiry Report prezentat minn **Matthew Fleri Soler** bhala Dok MFS.

Xehed dan illi hu bhala Probation Officer kien segwa lill-imputat. Qal illi l-imputat kellu rabta kbira mal-familja tieghu, anke minhabba biza' tal-ezitu ta' dawn il-proceduri. Qal ukoll illi jumejn tlieta, wara li gie mressaq fuq dan il-kaz, hu fil-fatt kien fittex l-ghajnuna minhabba l-vizzju li kellu tad-droga kokaina. Zied illi l-ezamijiet li ghamel fuq Gauci taw rizultat negattiv ghal eroina u cannabis.

Rat ukoll b'interess partikolari l-Qorti, il-konkluzjonijiet li waslu ghalihom kemm **Dr George Grech** (folio 299), kif ukoll **Dr Mark Xuereb** (folio 300) dwar il-mertu ta' dan i-kaz - tobba li l-imputat mar ghandhom **biss** wara li gie mressaq u li dahlu **biss** fil-istampa issa li kellu x-xabla tal-gustizzja prendenti fuqu!

Tela' jixhed ukoll **Dr Deo Debattista** li qal illi l-imputat kien pazjent tieghu, kien it-tabib tal-familja kollha. Qal illi wahda mill-problemi li kellu l-imputat kienet biex ikollu tarbija, dan ghal sena. Qal illi dan holoq ansjeta' fil-koppja u nsigurta'. Qal illi l-imputat biex jahrab minn dan beda jabbuza minn certi medicinali. Qal illi t-tieni problema tal-abbuz tal-medicinali, l-imputat beda jaraha 'an easy way' biex jehles mill-ewwel problema tal-infertilita'. Qal illi l-imputat gie riferut is-Sedqa u d-Detox Centre. Qal ukoll illi l-imputat kellu support mill-familja tieghu.

Skondtu l-problema tad-droga bdiet meta l-imputat induna bil-problema tal-infertilita’, allura skondtu qabel iz-zwieg.

**Dr George Grech** minn naha tieghu bhala l-Clinical Director tal-Agenzija Sedqa xehed illi l-imputat kien imur ghandu minhabba l-problema ta’ dipendenza fuq il-kokaina u dan wara li nqalghet il-problema mal-pulizija. Kellu problema fuq il-kokaina. Qal illi wara li kien maqbud mill-pulizija kien ansjuz hafna. Qal ukoll illi waqqaf id-droga u li kien qed jiehu trattament. Kellu rimors kbir fuq dak li ghamel minhabba z-zwieg u t-tarbija.

Qal illi mill-istorja li qallu l-imputat, dan qallu li kellu storja ta’ dipendenza, li kien juza ammont kbir ta’ droga. Qal illi d-dipendenza kienet wahda psikologika.

Qal illi wasal ghall-konkluzjoni tal-ammont li kien juza l-imputat minn dak illi qallu l-istess imputat u l-esperjenza li kellu.

Aktar tard l-istess xhud rega’ qal illi l-imputat gie riferut lilu wara li dan kien tressaq il-Qorti minhabba pussess ta’ kokaina. Qal illi kellu problema ta’ uzu kwazi taqleb fuq dipendenza. Jghid illi kellu obsession, OCD, u li kien jitratta lilu nnifsu bil-kokaina. Qal illi kien indirizzah imur ghand psikjatra kif ukoll psikologu. Qal li dan ghamel progress u kien integrat sew kemm fix-xoghol u fil-familja tieghu.

Qal illi kien jikkunsidra lill-imputat bhala success fil-programm li kien ghamel ghal trattament kontra l-abbuz.

**Victoria Scicluna** qalet, dejjem hawn tixhed in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, illi l-imputat kien klijent taghha, u li kienet tarah regolari – dan mill-1 ta' Lulju, 2010, dwar il-problema li kellu bil-kokaina.

Qalet illi kienet indunat li Charlie Gauci kien bniedem ansjuz u perfezzjonist u kellu problema ta' *compulsive disorder*. Ghaliha kien juza d-droga bhala *medication*. Iddeskrivietu bhala ragel tal-familja. Tat opinjoni u **opinjoni tibqa', (enfasi tal-Qorti)**, illi dak li kien qed jaghmel Gauci kien biex ikopri l-uzu tieghu tad-droga, ghax skondtha ma kinx '*street wise*' (folio 319). Qalet illi ghaliha l-imputat kien jaghmel uzu kbir ta' kokaina.

Aktar tard, mitluba mid-Difiza, regghet xehdet u qalet illi meta bdiet tiltaqa' mal-imputat, sa mill-bidu nett irriferietu ghand Dr George Grech. Gia' kien mar ghand Dr Mark Xuereb. Irriferietu wkoll ghand Dr John Agius bhala psikologista. Qalet illi kif bdew jiltaqghu din serviet lill-imputat ta' tbezbiza u mill-ewwel waqqaf l-uzu. Qalet illi ghal Gauci '*top priority*' kienet il-familja (folio 604). Qalet illi kellu *bond* kbira ma' ibnu, it-tarbija. Reghet ukoll qalet, illi kien bniedem mimli b'ossessjonijiet, wahda wara l-ohra. Iddeskrivietu wkoll bhala *success story*.

Jinghad ukoll illi wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi gudikata minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'dan l-istadju ghazel illi jixhed anke l-**imputat** minn jeddu. Ghalhekk il-Qorti ser tirriproduci ix-xhieda tieghu, kif ukoll dak li *a tempo vergine* qal fl-istqarrija gia' ezebita mill-Ufficjal Prosekutur.

Viva voce **Charlie Gauci** xehed hekk.

Qal illi hu kien driver mal-kumpanija Gozo Channel (per parentesi fatt gia' rizultanti mix-xhieda li nstemghet fl-atti tar-rikors tal-liberta' provizorja u varjazzjoni tieghu, vide xhieda ta' Warren Grech, folio 347).

Ammetta li fuq xogholu kien daqsxejn iffissat izzejjed, ammetta li kellu problema ta' OCD. Spjega li kien ghalhekk icempel hafna drabi fuq ir-roster, jitlob ghal izjed minn uniformi wahda. Qal illi kemm kienu ilhom ghaddejin dawn il-proceduri, fittex anke l-kura ghal hekk. Spjega li ghax hu jhobb jiekol il-fniek, ghal wiehed issiblu tlieta. Spjega li din l-OCD tant kibret illi anke fil-problema tad-droga, qal illi beda b'xi haga zghira u kompla jkabbarha. Kien jigma d-droga ghal meta jkollu bzonn. Ammetta li kien qed jitkellem fuq id-droga kokaina li kienet fuqu jghid qabel ma zzewweg, ghalhekk ghal tlitt (3) snin.

Qal illi qabel ma kinx jammetti li kellu problema. Kekk kellu problema bil-post jew ghax il-mara damet biex tohrog tqila kien jiehu linja. Qal illi jekk kien imur jara t-tqieghed tal-madum, qabel kien jinzel il-garaxx jigbed linja.

Spjega li din il-problema kienet allura twasslu biex igemma' b'dan illi qal jekk kien ikollu mitt Ewro (€100) zejda kien jixtrieha coke. Qal illi hu qatt ma uza l-paga tieghu ghax kien jghix mal-genituri, ma kellux kontijiet tad-dawl u l-ilma, id-diesel kollu thallasulu l-kumpanija, mobile tal-kumpanija,

jieklu ghand il-genituri. Qal illi l-coke kien jixtrieha biss ghall-uzu personali tieghu. Dejjem igemma' biex isib l-oggett li jrid. Spjega li dak iz-zmien martu kellha anke 'snack bar', u li kienet gieli anke ggib l-ikel id-dar, anke li ghall-ewwel sena u nofs ta' zwieg, hu u martu kienu jghixu ghand il-genituri bla spejjez. Dejjem gemma' l-paga, massimu elf u tminn mitt Ewro (€1,800) kull erba' (4) gimghat. Spjega li anke ghamlulu t-tieg u li r-rigali kienu kollha flus.

Spjega li d-droga li nstabet fil-garaxx mill-pulizija xtraha bil-flus tat-tieg.

Dwar il-boroz li nstabu u l-uzu taghhom qal illi dawn kienu tieghu, uzati u mqattghin gol-garaxx, skontu r-refjug tieghu, bil-hsieb illi jarmi kollox mal-boroz darba li jgib skip.

Qal illi hu bid-droga li nstabet, l-intenzjoni li kellu kienet li ma joqghodx gej u sejjer jixtri l-grammi, anke ghax martu kienet tqila u ma ridhix tissusspetta. Qal illi meta waqqfuh filghodu, martu kellha seba' (7) xhur tqala, kienet qed iddur ghall-affarijiet tat-trabi, bhala buggies u cot tat-tfal. Ha l-flus mid-dar mieghu. Ma xtarax dawn ghax ma kinx deciz. Qal illi zamm il-flus fuqu ghax baqa' bl-istess qalziet. Qal ili wassal lil martu d-dar, pero ghax ma kinitx qed thossha sew, hu mar jixtri affarijiet ghal bbq li kellu mal-familja l-istess lejla. Xehed illi qabel mar il-post jigbed il-coke, imbaghad mar ghand il-genituri tieghu d-dar ghax kien ghadu jghix il-Belt. Zied illi wara mar iwassal lil martu u kif irritorna lura bil-vann waqqfuh erba' (4) rgiel. Dawn talbuh imur Marascala fil-garaxx tieghu. Qal illi x'hin il-pulizija ghamlu s-sejba hu beda jimmagina lil ommu, missieru (marid b'qalbu), u lil martu.

Dwar il-flus li nstabu fuqu rrumblati, qal illi b'dawn kien qed jigbed il-coke.

Qal illi ttiehed id-Depot u wara li hallewh jixtri flixkun ilma pero mhux li jikkomunika mal-familja, tefghuh go cella u qalulu biex jghin ruhu.

Qallhom li kellu problema. Ammetta li beda jibki, u li kellu fuqu hafna gharaq niezel minnu. Qal illi l-pulizija qalulu wkoll li jekk jaghmel statement seta’ jmur. Qal illi qalulu li jekk jammetti seta’ jmur hdejn il-mara. Zied illi qallhom illi kien ser jaghmel dak li kien hemm bzonn basta jitlaq hdejn il-mara. Zied illi la kien kiel u lanqas xorob. Zied illi bdew jippressawh biex jghid li kien ibiegh id-droga, li jammetti li kien ibiegh id-droga, tant illi lanqas waqfu jitkellmu, li komplew ikissruh. Zied illi waqt l-statement kien qed ihoss dwejjaq gol-istonku u kien mohhu biss biex imur ‘il barra.

Zied ukoll illi qallhom li droga qatt ma biegh, li kellu problema. Pero baqghu jippressawh. Qal illi qallhom “*Jekk nitlaq jekk nghid iva basta nitlaq.*” Qalulu “*Inti ammetti u titlaq.*” Ghidtilhom “*Mela jekk nammetti u nitlaq, ammettejt just biex nitlaq.*” (folio 411).

Ghalhekk qal illi l-statement ma kinitx veritjiera. Jghid illi qal li qal fih ghax kien mohhu biss fil-mara, biex iserrhilha rasha ghax kienet tqila.

Mistoqsi jekk waqt l-statement gharrafx lill-Ispettur bil-problema li kellu d-droga, wiegeb illi ghalkemm beda jghidlu li kellu problema hadd ma staqsieh jekk hix wahda tad-droga.

Dwar li fl-statement qal lill-Ispettur li d-droga kienet bid-dejn, issa qal li anke hawn gibed. Qal illi fil-fatt kellu l-flus tat-tieg kollha f’idejh.

Qal illi issa li ammetta ghax kienu tawh parir il-pulizija skondtu, hu ppretenda li jmur id-dar imma minflok ressquh. Zied illi l-akbar dispjacir kien li fil-Qorti ra lil martu b’hass

hazin b'seba' (7) xhur tqala, ommu wkoll izommuha ghax kellha wkoll hass hazin, skondtu "*mitlufa daqsxejn minn sensieha*" (folio 415), u wkoll li kien sema' li missieru kien tah attakk tal-qalb.

Dwar il-kura li rcieva ghall-OCD u bl-ghajnuna li sab mill-familja tieghu u l-Agenzija Sedqa, stqarr illi kien solva zewg problemi – l-abbuz u l-ossessjoni.

Minn naha l-ohra fl-istqarrija (ezebita bhala Dok CG folio 38), qal illi kien ilu sena mizzewweg (jonqos gimgha ghal dan), u li l-mara kellha sitt (6) xhur tqala. Innega li kien jabbuza mid-droga. Qal biss illi kien ha linja coke darba f'xi celebrazzjoni u li ma kinitx ghogbitu.

Qal illi kien isuq vann Toyota tal-kumpanija u li l-linja u c-cellulari li kien juza wkoll kienu tal-kumpanija.

Qal illi kienu jghixu l-Belt ghand il-genituri tieghu, pero li kien sejjer jghix Wied il-Ghajn. Il-flat kien xtrah tnejn u hamsin elf lira Maltin (Lm52,000.00) b'loan mal-Bank of Valletta, u li kien ihallas erba' mija u hamsin Ewro (€450) mensili. Martu kienet tahdem ma' missierha go snack bar fl-Imriehel. Zied illi bejn wiehed u iehor kien jaqla' elf Ewro (€1,000) fix-xahar.

Qabel illi saritlu tfittxija gol-garaxx ta' Marsacala mill-pulizija u hemm instabet id-droga kokaina. Mistoqsi x'kienet qed taghmel hemm wiegeb "*Gibthom* (b'referenza ghall-kokaina misjuba) *ghax bzajt mid-dejn u ghidt nipprova naghmel xi haga.*" (folio 40). Mistoqsi b'dan x'ried ifisser, jekk hux ibiegh, wiegeb "*Iva, kont ser niehu cans. Hekk ghaddieli l-hsieb minn rasi.*" (ibid). Qal pero li qatt ma kien nehha, biegh kokaina. Zied illi l-ammont kollu kien xtrah

tmint elef seba' mija u hamsa u hamsin Ewro (€8,755). Qal illi dawn il-flus kien qieghed igemmaghhom fit-tul.

Qal ukoll illi kien dahhal xi elf Ewro (€1,000) u elf u hames mitt Ewro (€1,500) tar-regatta ghax kien qaddief. Qal illi ftit mid-droga kienet ghadha bid-dejn. Kien hallas ftit anqas minn nofsha. Dwar il-post u l-flus li kellu bzonn biex ilestieh u jarmah, qal illi hu kien ilu jahdem minn meta kellu sittax(16)-il sena, kif ukoll illi l-post kien kollu mixtri b'loan.

Baqa' neganti li biegh mill-kokaina misjuba. Qal illi ghalkemm kien baqaghlu d-dejn fuq id-droga, beda jibza' jbiegh minnha. Jghid illi kienet ilha ghandu d-droga gimaghtejn. Qal illi kien ghadu ser jibda jbiegh id-droga.

Dwar is-sikkina, boroz u mizien misjuba, qal illi dawk kienu biex jizen, u biex jarah x'tawh, qatta' l-boroz.

Dwar il-flus – elf u tlitt mitt Ewro (€1,300) misjuba fuqu, qal illi filghodu kien mar flimkien mal-mara jixtri buggy u affarijiet tal-baby. Ma xtraw xejn u zamm il-flus fuqu biex ikun jista' jaghti deposit, dan ghax ghalkemm instabu fuqu bil-lejl ma biddilx hwejgu.

Zied illi kien ghamel zball, illi kien jiddispjacieh talli ghamel in kwantu ma setax jimmagina ruhu bla familja.

Id-Difiza tellghet jixhdu wkoll zewg tobba – Dr John Agius, Clinical Psychologist u Dr Mark Xuereb, Psikjatra.

Ghalhekk **Dr Mark Xuereb** xehed illi Gauci kien ragel tal-familja b'valuri Kristjani tajba, ried ikun perfett dejjem. Qal illi mit-testijiet oggettivi li kien ghamel irrizultalu li kien ibaghti dan Gauci minn obsessive compulsive disorder. Qal

illi ghal Gauci dan kien fis-sens illi ma kinx ser ikun missier tajjeb. Zied ukoll illi din l-obsessive personality kienet tali li dan kien ifaddal for *a rainy day* biex familtu u martu qatt ma jkollhom xi nuqqas. Qal illi Gauci kien jiggennen jekk ma kinx ikollu income ghalih innifsu, martu u ibnu.

Qal illi l-hoarding kienet eccessiva u ghalhekk kellu jaqa' ghall-vizzju tal-kokaina. Kellu bzonnha to boost 'self-esteem'. Jahzen to get a better price biex ikollu izjed x'jaghti lil martu u ibnu.

Qal ukoll issa (bla mhux mistoqsi) illi kien ikun katastrofiku li dan jidhol il-Habs. Issugerixxa anke suwicidju f'dan il-kaz.

Qal illi barra testijiet '*disguised*' kien anke ezamina l-*body language*.

Dwar il-hoarding qal u semma l-kokaina, bank accounts, affarijiet materjali tieghu – ghodda, ghamara, siggijiet, u sahansitra "**<u>boroz</u>**" (folio 474) (enfasi tal-Qorti) – dan wara li gie mistoqsi mid-Difiza x'kienet l-intenzjoni tal-imputat jekk hux li jbiegh jew jiehu.

Mar oltre fejn anke xehed illi l-imputat il-kokaina riedha ghal personal use f'kuntest ritwali ossessiv, skondtu biex dan ikun missier ahjar ghax hadha bi prezz irhas. Qal illi dan anke kien jihhordja ghax ma setax ikollu tfal u biex ikun ragel u missier perfett kellu jiehu l-kokaina.

Qal illi Gauci f'hin ta' krizi, id-droga kienet a quick fix, dan meta kien ikun go crisis mode, li Gauci kien jaghmel kollox akkost "*to deliver*". Qal illi x-xiri tad-droga "*at a good price*" kienet "*a tool for his obsession*".

Insista wkoll illi dan il-hoarding kien iwassal anke *to keep second hand items*.

**<u>Dr John Agius</u>** xehed illi l-imputat gie riferut lilu minn Dr George Grech. Beda jarah bhala terapija wara li nfetah il-kaz in ezami. Qal illi hu kien Clinical Psychologist, ghal zmien twil jahdem fuq addictions. Qal illi kien ilu erbatax(14)-il sena f’din il-linja tax-xoghol. Qal illi ghalhekk kien ilu erba’ (4) snin jara lill-imputat Charlie Gauci li kien juri sintomi cari ta’ ‘*clinical depression*’. Qal illi dan kien kaz car ta’ persuna b’*full addiction*, kien fi stat ta’ ansjeta’ u trawma. Qal illi l-imputat kellu *addiction* fuq id-droga kokaina, iddiskrevieha bhala dipendenza assoluta fuq livell fiziku, emozzjonali, u psikologiku. Spjega li l-imputat kien ibati minn *obsessive compulsive disorder personality qawwija* hafna. Din l-OCD ghal dan it-tabib kienet fl-imputat mizzewga mad-droga. Il-kokaina fih kienet iggib effett ta’ kalmant, ghalhekk zied illi fl-imputat l-OCD kienet tali li kien ikollu *compulsion* qawwija biex jiehu d-droga kokaina, bilfors.

Gie suggerit lil dan it-tabib mill-Avukat Difensur l-issue ta’ hoarding. Qal illi dan kien element f’min ibati minn OCD li jkollu xi haga fuq ir-rih. Spjega fissazzjonijiet tieghu u l-attenzjoni li dan kellu versu l-haddiema tieghu. Qal illi l-imputat kien jiffunzjona typical ta’ persuna li tbati minn OCD – zewg hajjiet paralleli, wahda tipika ta’ persuna li tbati minn OCD u ohra sigrieta. Qal illi l-hoarding ghalih kienet survival li ma jkollux xi haga hazina. Qal illi l-imputat kellu addiction u issues ta’ personalita’ li jkun ‘picture perfect’. Qal illi f’dawn l-erba’ (4) snin li l-imputat kien ilu jiehu l-kura kellhom hafna xoghol kliniku, dealing mat-trawma u personalita’, cleaning tal-addiction u craving, it-twelid tat-tifel, anke ansjeta’ dwar il-kaz.

Qal illi bhala addiction ma tah problemi ta’ xejn, anzi zamm clean f’dawn l-erba’ (4) snin. Fuq livell personali qal illi x-

xoghol li kien qed isir kien fuq l-ansjeta' fuq din il-kawza. Spjega pero fit-tul il-progess illi ghamel l-imputat fuq il-problema ta' OCD u tal-addiction tieghu. Skondtu pregress ferm pozittiv.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **Karl Sammut** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Ltd fejn gie spjegat lil din il-Qorti it-tfaddil ta' hamsa u hamsin elf Ewro (€55,000) mill-paga tal-imputat fi tlitt (3) snin.

Rat ukoll il-loan accounts li kellu. F'dan ir-rigward rat ukoll b'mod partikolari r-rizultanzi tad-Dok AM fejn jirrigwardja l-Bank of Valletta, issa tas-sena 2010 wara li ghalhekk inharget l-Ordni tal-Iffrizar.

Ikkunsidrat:

Illi in ezami ta' dawn l-atti bla dubbju ta' xejn din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet moghtija mill-imputat – dik illi ta fl-istqarrija a tempo vergine, u dak illi qal viva voce.

Gia' gie espost illi a tempo vergine l-imputat hawn spjega li hu kellu dak l-ammont ta' droga misjuba ghaliex kien qed jibza' mid-dejn illi kien dahal fih u ghalhekk haseb biex itaffi l-istess billi jibda jbiegh id-droga. Sostna hawn illi hu qatt ma kien biegh qabel, anzi qal illi kien anke qed jibza' jaghmel dan. Spjega li hu kien ser jittraffika fid-droga ghax beza' mid-dejn. Tfakkar il-Qorti hawn id-dejn sostanzjali li dahal ghalih l-imputat mal-Bank of Valletta ta' tmienja u disghin elf seba' mija u sitta u disghin Ewro (€98,796.00) (house purchase account f'ismu u f'isem martu, u house construction loan

account ukoll f'isimhom fl-ammont ta' sbatax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€17,646.74), dan fis-sena 2009). (vide Dok AM).

Qieset ukoll il-Qorti f'dan ir-rigward illi sa sena qabel, kif kien xehed ir-rapprezentant tal-bank Karl Sammut, fis-savings account mal-Bank of Valletta f'isem l-imputat kellu dan mit-tfaddil ta' tlitt (3) snin il-bella somma ta' hamsa u hamsin elf Ewro (€55,000). Mir-rizultanzi tal-compodium tal-assi jirrizulta li fis-sena 2010 dan il-kont nizel ghas-somma ta' sebat elef tliet mija u disgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (7,399.62).

Pero viva voce l-imputat qal illi hu ma kinx verament ammetta kif premess, anzi jghid illi gie ndott jghid dak illi qal ghaliex ried jitlaq lejn daru ghax martu kellha sitt xhur tqala, u zied illi l-pulizija qalulu jew tawh l-impressjoni li jekk kien ser jammetti l-bejgh, kien ser jithalla jitlaq.

Insista wkoll viva voce illi hu thalla bil-guh u bla ilma, illi tant kien ansjuz illi anke beda jibki u jugghu l-istonku, dejjem insistenti bl-inkwiet illi kellu f'mohhu dwar il-mara.

Viva voce fuq il-kwistjoni tad-dejn, cioe' dak illi qal fl-statement dwar il-biza' li kellu mid-dejn, jghid illi anke hawn gideb fl-statement. Qal illi d-droga li nstabet ghandu kienet biex ma joqghodx gej u sejjer jixtri ghax martu kienet tqila u ma ridhix tissusspetta. Innega anke dak illi kien qal illi d-droga xtraha bid-dejn, qal issa li kien xtraha bil-flus tat-tieg versu s-somma ta' oltre hamest elef Ewro (€5,000). Anke dan fattur gdid.

Allura viva voce prezenta lill-Qorti stampa differenti. Ma kinx issa qed jibza' mid-dejn, imma ressaq it-tezi li nefaq oltre tmint elef Ewro (€8,000) fuq kokaina ghall-uzu personali, flus illi jghid baqghu ghandu mir-rigali tat-tieg. Dan dejjem nonostante d-dejn li kellu mal-bank! Hawn prezenta wkoll l-imputat zewg "*issues*" ohra li qatt ma ssemmew fl-istatement, nonostante li xehed kemm dam mizmum anke fic-cella sakemm ittehidlu dan. Prezenta lill-Qorti issa bil-problema tal-addiction tad-droga – neganti din fl-istess statement. Ressaq lill-Qorti l-problema li kellu ta' OCD u ta' hoarding. Anzi viva voce qal ukoll illi hu lill-Ispettur ma qallux bl-*addiction* kbira tieghu ghax dan ma staqsihx, minflok pero qallu li kien ser jittraffika!

Ghandu jinghad ukoll illi l-Qorti saret ben konxja minn din il-problema ta' OCD meta bdew jittellghu jixhdu t-tobba tal-imputat, u kien hawn illi beda jigi suggerit, anke mill-Avukat Difensur, l-issue tal-"*hoarding*". Tant hu hekk illi l-Psikjatra Xuereb anke '*out of the blues*' semma l-*hoarding* tal-boroz. Ma tistax hawn il-Qorti ma tikkummentax dwar dan, *considerando* li ghand l-imputat fil-garaxx instabu varji boroz li l-uzu taghhom maghdud mad-droga, mizien u sikkina, huwa ta' wiehed biss – cioe' li d-droga tinqata', tigi ppakkjata, u genralment titqassam!

Fil-fatt ghalkemm il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghalfejn ma temminx illi l-imputat kien ibati minn OCD u kien ferm abbuziv tad-droga kokaina, xorta hemm fatti li jipperplessawha meta tezamina l-verzjoni li ta viva voce l-imputat.

Issa li ghazel illi jammetti ghal dan il-vizzju, vizzju li hu tant u tant zamm mistur minn familtu, illi kien jinzel jigbed linja fil-garaxx, tistaqsi x'kellu bzonn dak l-ammont ta' boroz lesti biex fihom titqieghed id-droga? Jekk kien qed jigbed biss fil-garaxx, x'kellu bzonn boroz uzati biex titqassam id-droga??

Tfakkar il-Qorti hawn li nstabu tracci kemm fil-boroz, mizien, u sikkina.

Perplessa wkoll il-Qorti kif dan il-vizzju daqshekk kbir, din l-addiction tant kbira, skont it-tobba u Vicky Scicluna twaqqfet mill-ewwel kif inqabad mill-pulizija!

F'dan ir-rigward huwa anke nkwetanti l-ammont ta' droga misjuba – mija u tmienja u sittin (168) gramma, ghal kollox mhux ammont negligibbli, altre che'!! Bi prezz ta' tnax-il elf seba' mija u tmienja u sittin Ewro (€12,768), ukoll mhux somma negligibbli!! (vide Dok MM)

Lanqas ma huwa negligibbli l-ammont illi jista' johrog minn dawn il-grammi jekk wiehed iqis illi din tinbiegh solitament b'nofs gramma!!

Perplessa wkoll tinsab din il-Qorti bil-konkluzjonijiet gratwiti li ghamlu t-tobba f'dan il-process, meta bla ma kellhom esposizzjoni ghall-fatti personali, iddeciedu li l-Qorti kellha temmen li d-droga misjuba kienet biss for "*personal use*". Attitudni din verament xejn professjonali da parti taghhom!!

Ikkunsidrat:

Illi esposti dawk illi l-Qorti qieset bhala kontradizzjonijiet u inezattezzi mressaqa f'zewg verzjonijiet mill-imputat, il-Qorti jibqaghlha li tezamina jekk fil-fatt id-droga kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Taghmel hawn referenza l-Qorti ghal dak ili qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, per Imhallef Dr Vincent De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Paul Debattista) vs Mohamed Ben Hassan Trabelsi", deciza nhar is-17 ta' Frar, 1997:

"*L-ewwelnett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwix ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe' il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni. Jekk pero l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjax ma' l-uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat illi jipprova mqar fuq bazi ta' probabilita' li dak l-ammont ikun ghall-uzu esklussiv tieghu .....*"

Gia' gew esposti l-fatti, anzi verzjonijiet, illi pprezenta l-imputat, tnejn!

Fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Brian Caruana*", Appell Kriminali deciza nhar it-23 ta' Mejju, 2002, gie hekk ritenut:

"*Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specie li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi*

*"hard and fast role" x'inhuma c-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bbazata fuq il-fatti…….*"

Fil-fatt il-Qorti thoss illi fil-fatt l-imputat kien veritjier fl-ewwel verzjoni li ta – anke considerando d-dejn li kellu u tenut kont li hu ried izomm lil familtu sew! Dan qed tghidu l-Qorti ghax temmen illi hu kellu tali ossessjoni fuq hekk.

Pero ma temmenx jew ahjar issib illi l-issue tal-"*hoarding*" giet imfassla u prezentata Lilha bhala skuzant '*late in the day*' biex teghleb dak illi kien stqarr l-imputat *a tempo vergine*. L-ammont tad-droga misjuba, fic-cirkostanzi li giet misjuba fihom, bil-fatti kif prezentati Lilha, iwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment illi Charlie Gauci fil-fatt kellu l-intenzjoni li jzomm droga mhux biss ghal-"*uzu esklussiv tieghu*".

Ghaldaqstant qieghda ssib htija tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza; ir-Regolamenti GN 292/1939; kif ukoll ir-Regolament 9, L.S. 101.02; l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Raba' Taqsima tal-imsemmi Kapitolu; kif ukoll l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Dwar il-piena, qieset pero l-progress li gie wkoll prezentat lilha mit-tobba dwar l-imputat, ghalkemm il-Qorti temmen verzjoni tieghu ma tistax tesludi li hu kellu u ha ghajnuna u ghamel progress kbir – ghaldaqstant tenut kont ta' dan, tenut

kont tal-fiducja li kulhadd wera fih, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn u nofs(2 ½)

U ghal multa fl-ammont ta’ €4,000 (erbat elef Ewro).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lil Charlie Gauci ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn mija u sittin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€2,160.22).

Tordna d-disturzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB460.2010.

Mhix qed tordna l-konfiska tal-flus misjuba fuqu stante li temmen fil-verzjoni tax-xiri tal-affarijiet tat-trabi hija wahda probabbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------